26

UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU
BERĠA TA' KASTILJA, VALLETTA, MALTA

Mozzjoni tal-Onor. Prim Ministru Dr Joseph Muscat

Illi fil-ħamsa ta' Diċembru elfejn u tnax, l-allura Prim Ministru Dr Lawrence Gonzi kien ippreżenta l-mozzjoni illi riferenza għaliha ssir fl-ittra tas-sitta ta' Jannar elfejn u erbatax tal-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja illi kopja tagħha hija hawn annessa bħala "Dok A", fejn din il-Kamra intalbet tippreżenta indirizz lill-President kif ipprovdut fl-artiklu 97 (2) tal-Kostituzzjoni għat-tneħħija mill-kariga tal-Onor. Imħallef Dr Carmelo Farrugia Sacco;

Illi skont *ruling* mogħti mill-Onor. Speaker l-imsemmija mozzjoni ddekadiet meta xolja l-Parlament mat-tmiem tal-leġiżlatura li għaddiet;

Illi l-Gvern jemmen li dan il-proċess m'għandux jintemm hawn;

Illi għaldaqstant jien qiegħed nirreferi għall-istess mozzjoni u qed nipproponi din il-mozzjoni ippreżentata minni llum biex nagħti l-fakulta lill-Kamra biex tipproponi indirizz lill-President skont ma jipprovdu l-Kostituzzjoni fl-artiklu 97 (2) tagħha u l-Att dwar il-Kummisjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja (Kap 369);

Għalhekk għall-finijiet ta' din il-mozzjoni u biex il-process jitkompla, din il-Kamra titolbok, Sur President, li tneħħi lill-imsemmi Imħallef Dottor Lino Farrugia Sacco mill-kariga tiegħu ta' Imħallef tal-Qrati Superjuri kif maħsub fil-provediment imsemmi tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

Joseph Muscat
Prim Ministru

28 ta' Jannar 2014

UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU
BERĠA TA' KASTILJA, VALLETTA, MALTA

28 ta' Jannar 2014

Dikjarazzjoni mill-proponenti tal-Mozzjoni għall-Indirizz lill-President ta' Malta biex l-Imħallef Dottor Lino Farrugia Sacco jitneħħa mill-kariga tiegħu ta' Imħallef tal-Qrati Superjuri, kif jitlob l-artikolu 9(2) tal-Att XI tal-1994 dwar il-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja.

In vista tal-impenn politiku li jien assumejt qabel l-elezzjoni ġenerali tal-2013 li nkompli bil-proċess għat-tneħħija tal-Imħallef Dottor Lino Farrugia Sacco, mibdi mill-mozzjoni tal-15 ta' Diċembru 2012 tal-allura Membru ta' din il-Kamra, Dottor Lawrence Gonzi, li kien jokkupa l-kariga ta' Prim Ministru, u wara r-ruling ta' Mr Speaker ta' nhar it-28 ta' Jannar 2014, qed nipproponi mill-ġdid it-test tal-istess mozzjoni.

L-Imħallef Dottor Lino Farrugia Sacco baqa' jokkupa l-kariga tal-President tal-Kumitat Olimpiku Malti kontra d-direzzjoni tal-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja (7 ta' Awissu 2007) u dan bi vjolazzjoni tal-Kodiċi tal-Etika tal-Ġudikanti. Reċentement, b'deċiżjoni datata 26 ta' Novembru 2012, il-Kummissjoni tal-Etika tal-Kumitat Olimpiku Internazzjonali ċċensurat aġir tal-istess Imħallef.

Jidher għalhekk li l-Imħallef Dottor Lino Farrugia Sacco għandu jitneħħa skont il-provvedimenti tal-Kostituzzjoni.

Joseph Muscat

t + 356 2200 2400 e opm@gov.mt | www.primeminister.gov.mt

Dok A

KUMMISSJONI GHALL-AMMINISTRAZZJONI TAL-ĠUSTIZZJA

6 ta' Jannar 2014.

**l-Onor. Dott. Anglu Farrugia**
**Speaker tal-Kamra tad-Deputati**
**Il-Palazz,**
**Il-Belt,**
**Valletta**

Onorevoli,

Il-Kummissjoni ghall-Amministrazzjoni tal-Gustizzja taghmel riferenza ghall-ittra mibghuta mill-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati a tenur tal-artikolu 9(1) tal-Kapitolu 369, lill-President ta' Malta, bhala President tal-Kummissjoni, fil-15 ta' Dicembru 2012, rigward mozzjoni tal-Prim Ministru fuq l-Onor. Imhallef Dottor Carmelo Farrugia Sacco u qed tibghatlek ir-rapport taghha flimkien mad-dokumenti relattivi.

Ghoddni dejjem tieghek,

**Dr. Deborah Farrugia**
**Segretarju**

**Investigazzjoni tal-Imħallef Lino Farrugia Sacco**

**Rapport tal-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja dwar mozzjoni fil-Kamra tad-Deputati għat-tneħħija tal-Imħallef Dottor Lino Farrugia Sacco mill-kariga tiegħu ta' mħallef**

1. Fil-15 ta' Diċembru 2012 l-iSpeaker tal-Kamra tad-Deputati Dr Michael Frendo rrifera lill-Kummissjoni mozzjoni għall-għemil ta' Indirizz lill-President skont l-artikolu 97 tal-Kostituzzjoni biex issir l-investigazzjoni neċessarja, u biex il-Kummissjoni tagħmel ir-rapport tagħha skont kif previst fis-subartikolu (4) tal-artikolu 9 tal-Kap 369.

2. Il-mozzjoni msemmija hija din:-

"Il-Prim Ministru jipproponi:-

Billi l-artikolu 97(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jipprovdi illi 'Imħallef tal-Qrati Superjuri ma għandux jitneħħa mill-kariga tiegħu ħlief mill-President wara indirizz mill-Kamra tad-Deputati li jkollu favur tiegħu il-vot ta' mhux inqas minn żewġ terzi tal-Membri tagħha u li jitlob għal dik it-tneħħija minħabba inkapaċità ippruvata li jaqdi l-funzjonijiet tal-kariga tiegħu (kemm jekk għall-mard korporali jew mentali jew għal xi raġuni oħra) jew imġieba ħażina ippruvata';

u billi l-Imħallef Dottor Lino Farrugia Sacco huwa Imħallef tal-Qrati Superjuri;

u billi fis-7 ta' Awwissu 2007 il-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja informat lill-Imħallef Dottor Lino Farrugia Sacco li l-aġir tiegħu bħala President tal-Kumitat Olimpiku Malti kien jolqot il-fiduċja li għandu minħabba l-kariga tiegħu u li hu kien qed jonqos li jimxi skont il-Kodiċi tal-Etika għall-Ġudikanti;

u billi l-istess Imħallef injora d-direzzjoni tal-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja u kompla jokkupa l-kariga ta' President ta' Kumitat Olimpiku Malti u dan bi vjolazzjoni kontinwa tal-Kodiċi tal-Etika għall-Ġudikanti;

u billi reċentement b'deċiżjoni datata 26 ta' Novembru 2012 il-Kummissjoni tal-Etika tal-Kumitat Olimpiku Internazzjonali iċċensurat aġir tal-istess Imħallef;

u billi dan kollu qed inaqqas mill-ġieħ u r-rispett dovut lill-Ġudikatura Maltija sabiex din tkun tista' twettaq il-funzjoni tagħha bħala pilastru fundamentali tad-demokrazija ta' pajjiżna;

u billi dan l-aġir imur kontra l-Kodiċi tal-Etika għall-Membri tal-Ġudikatura senjatament billi żamm kariga jew għamel kwalunkwe attività li fl-opinjoni tal-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja jista' jikkompromettijew jippreġudika il-posizzjoni jew il-funzjoni tiegħu ta' Ġudikant, li l-kondotta tiegħu ma kinitx konsistenti mal-kariga tiegħu u liema aġir jimpinġi fuq l-integrità u dinjità li huma prinċipji indispensabbli għal dan l-inkarigu u li din il-kondotta tqajjem dubju barra l-Qorti dwar l-indipendenza u l-imparzjalità tal-kariga tiegħu ta' Ġudikant, u dan skont kif rifless fil-klawsoli 9(d), 11 u 17 ta' dan l-istess Kodiċi;

u billi għalhekk jeżistu ċirkostanzi li jitolbu għat-tneħħija ta' dan l-istess Imħallef mill-kariga tiegħu ta' Membru tal-Ġudikatura minħabba inkapaċità li jaqdi l-funzjonijiet tal-kariga tiegħu u/jew minħabba imġieba ħażina da parti tiegħu;

għalhekk din il-Kamra titolbok, Sur President, li tneħħi lill-imsemmi Imħallef Dottor Lino Farrugia Sacco mill-kariga tiegħu ta' Imħallef tal-Qrati Superjuri kif maħsub fil-provvediment imsemmi tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

firmat
Lawrence Gonzi
15 Diċembru 2012"

3. Il-Kummissjoni għamlet l-investigazzjoni prevista fl-artikolu 8 tal-Kap 369. Il-President Dr George Abela astjena milli jippresjedi, u ma attendiex, f'din l-investigazzjoni billi kien konsulent legali tal-Imħallef Farrugia Sacco f'investigazzjoni preċedenti tal-istess Imħallef quddiem il-Kummissjoni fl-2007, kif ukoll għaliex fi kwistjoni ta' din in-natura huwa finalment f'każ ta' eżitu sfavorevoli għall-ġudikant ikun irid jirċievi l-indirizz tal-Kamra tad-Deputati. Fl-investigazzjoni preżenti l-

Kummissjoni ġiet presjeduta mid-*Deputy Chairman* tagħha, il-Prim Imħallef Silvio Camilleri.

4. Fl- investigazzjoni preżenti l-Kummissjoni semgħet bil-ġurament lill-Avukat Dr Lawrence Gonzi, lill-Imħallef Dr Lino Farrugia Sacco u lix-xhieda kollha prodotti minnhom.

5. F'din l-istess investigazzjoni preżenti l-Kummissjoni eżaminat ukoll id-dokumenti esibiti fil-kors tagħha u s-sottomissjonijiet bil-miktub li sarulha.

6. Il-Kummissjoni semgħet is-sottomissjonijiet orali tal-legali tal-proponent tal-mozzjoni u tal-Imħallef Farrugia Sacco, u wara li ddeliberat waslet biex tirrediġi dan ir-rapport.

7. B'ittra tal-14 ta' Diċembru 2004 il-Kummissjoni infurmat lill-Imħallef Farrugia Sacco li hija kienet se teżamina jekk fid-dawl tal-Kodiċi ta' Etika għall-Ġudikanti il-kariga ta' President tal-Kumitat Olimpiku Malti (KOM), liema kariga allura kien beda jokkupa l-imsemmi Mħallef, kienitx kompatibbli mal-kariga tiegħu ta' mħallef. Wara li saru l-proċeduri opportuni, b'ittra tal-20 ta' Frar 2006 il-Kummissjoni infurmat lill-Imħallef Farrugia Sacco li l-kariga tiegħu ta' President tal-KOM kienet tista' tikkomprometti jew tippreġudika l-pożizzjoni, id-doveri jew il-funzjoni tiegħu ta' ġudikant (regola 9(d) Kodiċi ta' Etika tal-Ġudikanti), u għalhekk talbet lill-Imħallef Farrugia Sacco sabiex fuq perijodu ta' żmien jirregolarizza l-pożizzjoni tiegħu fid-dawl tal-imsemmija regola 9(d) u l-Linji Gwida dwar "Attivitajiet soċjali, kulturali u oħrajn".

8. B'ittra tat-18 ta' Lulju 2006 il-Kummissjoni talbet lill-Imħallef Farrugia Sacco biex jikkonforma ruħu mal-ittra tagħha tal-20 ta' Frar 2006 billi ma jibqax jokkupa l-kariga ta' President tal-KOM.

9. B'ittra tat-30 ta' Ottubru 2006 l-Kummissjoni informat lill-Imħallef Farrugia Sacco li peress li ma kienitx riċeviet risposta għall-ittra tagħha tat-18 ta' Lulju 2006, kienet ser teżamina l-pożizzjoni tagħha fid-dawl tal-ittra tagħha tal-20 ta' Frar 2006 fuq imsemmija, u għal dan il-għan kellha ssir seduta tal-Kummissjoni fil-20 ta' Novembru 2006 li għaliha l-Imħallef Farrugia Sacco ġie mistieden jattendi.

10. Fis-seduta tal-20 ta' Novembru 2006 l-Imħallef Farrugia Sacco informa lill-Kummissjoni li kienu ser isiru xi emendi fl-Istatut tal-KOM li jindirizzaw il-kwistjonijiet identifikati mill-Kummissjoni, u għalhekk il-Kummissjoni ssospendiet l-eżami tagħha, u kien hemm qbil li l-Imħallef Farrugia Sacco jikkomunika magħha appena jgħaddu l-emendi in kwistjoni.

11. B'ittra tal-15 ta' Marzu 2007 l-avukati tal-Imħallef Farrugia Sacco kkomunikaw lill-Kummissjoni li kienu saru emendi fl-Istatut tal-KOM, u qalu li dawn l-emendi kienu jindirizzaw il-kwistjonijiet li kienet identifikat il-Kummissjoni. Fit-22 ta' Mejju 2007 il-Kummissjoni kitbet lill-Imħallef Farrugia Sacco li kienet tal-fehma li dawk l-emendi ma kienu jbiddlu xejn fis-sustanza minn dawk l-affarijiet li minħabba fihom il-kariga ta' President tal-KOM kienet tista' tikkomprometti jew tippreġudika l-pożizzjoni tal-Imħallef Farrugia Sacco bħala ġudikant, u dan għar-raġunijiet li kienu ġa ġew identifikati mill-Kummissjoni, u għalhekk infurmatu li l-Kummissjoni kienet ittenni li huwa kellu jirregolarizża l-pożizzjoni tiegħu fid-dawl tar-regola 9(d) tal-Kodiċi ta' Etika tal-Ġudikanti u l-Linji Gwida dwar "Attivitajiet soċjali, kulturali u oħrajn", fuq imsemmija.

12. Billi ma kellha ebda risposta jew reazzjoni mingħand l-Imħallef Farrugia Sacco għall-aħħar ittra tat-22 ta' Mejju 2007, b'ittra tas-7 ta' Awwissu 2007, il-Kummissjoni infurmatu li "qiegħda formalment tiġbidlek l-attenzjoni skond l-Artikolu 101A(11)(f) tal-Kostituzzjoni li l-aġir tiegħek jolqot il-fiduċja li għandek minħabba l-kariga tiegħek u li inti qed tonqos li timxi skond il-Kodiċi ta' Etika għall-Ġudikanti." B'din l-aħħar ittra l-Kummissjoni kienet kjarament, anki in vista tal-korrispondenza lilu msemmija fil-paragrafi 7, 8 u 11 hawn fuq, qiegħda tidderiġi lill-Imħallef Farrugia Sacco biex jitlaq il-kariga ta' President tal-KOM.

13. L-Imħallef Farrugia Sacco ma ottemperax ruħu ma' din id-direttiva, u baqa' President tal-KOM.

14. Ġara li in segwitu, meta l-Imħallef Farrugia Sacco kien baqa' President tal-KOM, żewġ ġurnalisti tas-Sunday Times Ingliża, użaw ismijiet foloz, għamlu tabirruħhom li kienu qiegħdin jinnegozjaw fil-bejgħ tal-biljetti għal-logħob olimpiku, u ltaqgħu mas-Segretarju tal-KOM. F'din il-laqgħa kien preżenti għal xi ħin l-Imħallef Farrugia Sacco. Dawn il-ġurnalisti rreġistraw din il-laqgħa klandestinament b'video permezz ta' apparat mobbli. Is-Sunday Times Ingliża baghtet dan il-video lill-Kummissjoni tal-Etika tal-Kumitat Olimpiku Internazzjonali, li investigat

lill-Imħallef Farrugia Sacco u oħrajn dwar allegazzjonijiet kontrihom ta' involviment fil-bejgħ illeċitu ta' biljetti għal-logħob olimpiku. Din l-investigazzjoni tal-imsemmija Kummissjoni tal-Etika, u proċeduri oħra sussegwenti kondotti minn organi oħra konnessi mal-logħob olimpiku, ġew mogħtija pubbliċita' estensiva fil-medja f'Malta kif ukoll barra minn Malta. Il-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja, anki in vista li l-imsemmija żewġ ġurnalisti ma xehdux, taċċetta l-versjoni tal-Imħallef Farrugia Sacco li l-video msemmi kien editjat b'mod skorrett.

15. Ma jirriżultax li l-Imħallef Farrugia Sacco kien effettivament involut fin-negozju illeċitu ta' biljetti. Biss l-allegazzjonijiet u l-proċeduri konnessi fuq imsemmijin, u l-pubbliċita' li ġiet mogħtja lilhom kienu r-riżultat dirett tal-inottemperanza tiegħu mad-direttiva mogħtija minn din il-Kummissjoni bl-ittra tas-7 ta' Awwissu 2007. Dan kollu jnaqqas mill-ġieħ u r-rispett li l-Ġudikatura għandha tispira, u jimmina l-fiduċja tal-pubbliku fl-operat tagħha, u jmur kontra l-Kodiċi ta' Etika għall-Ġudikanti.

16. Għal dawn ir-raġunijiet il-Kummissjoni ssib *prima facie* li l-imġieba ħażina tal-Imħallef Farrugia Sacco allegata fil-mozzjoni hija pruvata.

6 ta' Jannar 2014

Prim Imħallef Silvio Camilleri
*Deputy Chairman* li ppresjeda l-Kummissjoni